# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 996

KAZ NRU. 1210

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michael Cassar George

u

Alberta Fire Fighting and Security Equipment

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 27 ta' Jannar, 1998 biex tigi deciza kwistjoni dwar allegata tkeccija ngusta u dana skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu l-appellant qal li kien ilu jahdem mal-kumpanija sa mid-29 ta' April, 1991, li qatt ma kellu problemi ma' l-employer, li qatt ma kien nghata warning, la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

Qal li l-hin tal-"break" kien min-nofsinhar san-nofs siegha pero', fid-data tal-incident, peress li u hu siehbu kienu

kwazi spiccaw ix-xoghol mal-hin tal-break, baqghu jahdmu sakemm spiccaw u hadu l-break wara, f'xi n-nofs siegha.

Matul dan il-break, kien qed jilghab il-karti ma' mpjegat iehor - kienu huma t-tnejn biss fuq il-post tax-xoghol - meta wasal il-manager u sabhom jilghabu; ma riedx jisma' spjegazzjoni u cempel lill-Works Manager biex jitla' fuq il-post.

Dana tela', nizzilhom mieghu fl-ufficcju tieghu u tahom ittra ta' tkeccija.

Qal ukoll li l-persuna li kienet tkecciet mieghu fl-istess gurnata, regghet iddahhlet mill-kumpanija wara ftit granet.

Il-kumpanija ikkonfermat il-fatt li l-appellant nstab jilghab il-karti waqt il-hin tax-xoghol u peress li dak ma kienx l-ewwel incident, itterminatlu l-impjieg; qalet li kellha terminu strett biex tispicca l-appalt li kellha.

Il-Works Manager tal-kumpanija, Sergio Tanti, ikkonferma li fl-istess jum tal-incident huwa ta ittra ta' tkeccija liz-zewg impjegati. Qal li hu ma kienx talab spjegazzjoni, pero' hass li billi hadd minnhom ma qal xejn u ma nnegawx dak li kien ntqal fuqhom, ma kellux ghalfejn isaqsi.

Qal ukoll li kien hemm incident iehor meta l-appellant kien gie ammonit.

Qal li hu kien ta struzzjonijiet lill-haddiema kollha li jekk ikun hemm xi hadd irid ibiddel il-hin tal-break, kellu l-ewwel icempillu biex ikun jaf u biex jawtorizza tibdil.

Is-sur Duncan Bartolo Sant qal, li meta sabhom jilghabu kienu qalulu li ma kellhom xejn x'jaghmlu u li ma setghux icemplu ghax ma kienx hemm telefon. Qal li f'okkazzjonijiet precedenti kienu cemplulu mill-Verdala. Fit-tieni xhieda tieghu qal li lilu ma kienux qalulu li kienu hadu il-break bir-ritard.

Qal ukoll li ma kienx ihoss li kienu waqfu ghax ma kellhomx viti ghaliex meta tela' Sergio Tanti sabhom jahdmu, wiehed lil hawn u l-iehor lil hemm.

Dwar il-warning li kien hareg wara li l-appellant tkecca, ntqal li l-incident kien sar qabel, l-ittra kienet giet iddraftjata fl-14 ta' Novembru, 1998, pero' l-ittra harget mis-segretarja fit-18 ta' Novembru, 1998. (L-erbatax ta' Novembru kienet il-Gimgha u allura harget it-Tlieta).

Manolo Farrugia qal li hadu l-break fil-hin normali pero' ghal habta tas-siegha regghu waqfu u marru jiehdu te, qaghdu jitkellmu u anke jilghabu l-karti; qal ukoll li ma kinitx l-ewwel darba li laghab ma' l-appellant waqt hin ta' xoghol.

Hemm certu konflitt fix-xhieda tal-partijet u anke taz-zewg impjegati izda t-Tribunal ihoss li dik tal-kumpanija hija aktar konvincenti.

Jinghad ukoll li x-xhieda ta' Manolo Farrugia ghandha titqies fil-kwadru li hu rega' ddahhal ghax-xoghol wara l-istess incident ghalkemm il-kumpanija tat certa spjegazzjoni.

Jinghad ukoll li wiehed irid jaghti certa konsiderazzjoni li bniedem li jmur ghax-xoghol - xoghol fejn sejjer ikun izjed bla supervizjoni milli b'hekk, ikollu mieghu karti tal-loghob.

It-Tribunal jaccetta l-verzjoni tal-kumpanija bhala aktar konvincenti peress :-

a) Il-hin tal-break ma kellux jitbiddel izda tbiddel bla permess u bla pre-avviz;

b) Xoghol iehor kien fadal xi jsir difatti kien qed isir, meta wasal Sergio Tanti, wara r-rapport ta' Barbaro Sant;

c) Illi anke dwar il-hin imsemmi mill-appellant, hemm indikazzjoni li l-break seta' kien ittiehed ghal aktar minn nofs siegha;

d) Illi telf ta' zmien fuq xoghol ma jistax jigi accettat minn min ihaddem aktar u aktar meta hemm terminu biex ix-xoghol jintemm u ghalhekk incident simili jiggustifika, f'certi kazi, anke tkeccija sommarja.

Ghaldaqstant qed jigi deciz li t-tkeccija kienet gusta.

It-Tribunal ma jistax ma jsemmiex u jiddeplora procedura li qed titfacca u tizdied fejn ir-raguni ta' tmiem l-impjieg, irrappurtata fic-certifikat ta' Tmiem l-Impjieg ma tkunx il-vera raguni u allura jitfaccaw konsegwenzi li mhux mixtieqa bhal hlas ta' beneficcji mhux dovuti, ingann ghal min ikun sejjer ihaddem, kompetizzjoni akbar ghal min kien qed validament fuq ir-registru ghal xi xoghol.

Ghalhekk jordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali, lid-Direttur tax-Xoghol u lill-Employment Training Corporation ghall-kull provvediment li jkun jidher xieraq.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

---------------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

mrg